

It-titlet att ikkontestat hija r-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Novembru 2017 dwar proġett komuni tal-baġit ġenerali.

Finalment, il-Gvern Franċiż jitlob l-annullament tal-att li permezz tiegħu, konformement mal-Artikolu 314(9) TFUE, il-President tal-Parlament Ewropew ikkonstatata li l-baġit ġenerali għas-sena 2018 kien ġie adottat definitivament. Kif jirriżulta b'mod partikolari mill-minuti tas-seduta tal-Parlament Ewropew tal-Ħamis 30 ta' Novembru 2017, dan kien ikkostitwit mid-dikjarazzjoni tal-President tal-Parlament Ewropew u sussegwentement mill-iffirmar ta' dan tal-aħħar tal-baġit ġenerali, li ġrwa wara l-vot tar-risoluzzjoni leġislattiva dwar il-proġett komuni tal-baġit ġenerali.

Permezz tal-motiv uniku tiegħu, il-Gvern Franċiż isostni li l-erba' atti kkontestati għandhom jiġu annullati safejn dawn jiksru l-Protokoll Nru 6 anness mat-TUE u mat-TFUE u l-Protokoll Nru 3 anness mat-Trattat KEFA, dwar il-lokalità tas-sede tal-istituzzjonijiet u ta' ċerta organi, korpi u dipartimenti tal-Unjoni Ewropea.

Fil-fatt, kemm mill-protokolli dwar il-lokalità tas-sede tal-istituzzjonijiet kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Parlament Ewropew ma jstax jeżerċita s-setgħa baġitarja mogħtija lilu mill-Artikolu 314 TFUE matul il-perijodi ta' sessjonijiet plenarji addizzjonali li jsiru fi Brussel iżda għandu jeżerċithom matul perijodi ta' sessjonijiet plenarji ordinarji li jsiru fi Strasbourg.

Madankollu, safejn hija kkontestata il-legalità tal-att tal-President tal-Parlament Ewropew, mhux minħabba l-għan jew il-kontenut tagħha, iżda unikament peress li dan l-att kellu jiġi adottat waqt perijodi ta' sessjonijiet plenarji ordinarji, fi Strasbourg, in-neċessità li tiġi ggarantita l-kontinwità tas-servizz pubbliku Ewropew kif ukoll raġunijiet importanti ta' ċertezza legali jiġġustifikaw, skont il-Gvern Franċiż, iż-żamma tal-effetti legali ta' dan l-att sal-adozzjoni ta' att ġdid konformi mat-Trattati.

---

**Appell ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2018 minn Anthony Andrew King mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fl-10 ta' April 2018 fil-Kawża T-810/17, King vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-412/18 P)**

(2019/C 44/09)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Appellant:* Anthony Andrew King (rappreżentant: P. McKenna, Solicitor)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tat-22 ta' Novembru 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) iddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu (il-Polonja) fit-23 ta' Awwissu 2018 – Dong Yang Electronics Sp. z o.o. vs Dyrektor Izby Administracji Skarbowej we Wrocławiu**

**(Kawża C-547/18)**

(2019/C 44/10)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Qorti tar-rinviju**

Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Dong Yang Electronics Sp. z o.o.

*Konvenut:* Dyrektor Izby Administracji Skarbowej we Wrocławiu